MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 58/2009

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

vs

Dennis **CUSCHIERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-22 ta’ Jannar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta’ rikorrenti talbet li din il-Qorti:

( i ) Tiddikjara u Tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dennis

Cuschieri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura (b) kien inadempjenti f’obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess Dennis Cuschieri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

( ii ) Tikkundanna lil Dennis Cuschieri jħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sittax-il elf, ħamsa u għoxrin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€16,025.67) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Dennis Cuschieri mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1 sa B3”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mid-29 ta’ Diċembru, 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Rat in-Nota ta’ Ammissjoni mresqa mill-intimat waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-Avukati tal-partijiet;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Fuq ammissjoni tal-intimat tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba** u tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitba privata tal-31 ta’ Jannar, 2003, b’mod li jwasslu biex il-Bank attur jitlob il-ħlas minnufih ta’ kull ammont dovut lilu mingħand l-intimat;

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-intimat iħallas lill-Bank attur is-somma ta’ sittax-il elf u ħamsa u għoxrin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€16,025.67) bilanċ għad-debitu fil-‘*Loan Account*’ tal-istess intimat bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b’effett mid-29 ta’ Diċembru, 2008 sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Tikkundanna** lill-intimat iħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------